Reġjun Għawdex

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 113/2023**

**Il-Ġimgħa, 6 ta' Jannar, 2023**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-5.45pm**

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Josef Schembri | Sindku tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Sindku ta' Għajnsielem |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Sindku ta' Kerċem |
| Is-Sur Damien Spiteri | Sindku tal-Munxar |
| Is-Sur Edward Said | Sindku tan-Nadur |
| Is-Sur Paul Buttiġieġ | Sindku tal-Qala |
| Dr Christian Zammit | Sindku tax-Xagħra |
| Is-Sur Hubert Saliba | Sindku tax-Xewkija |

## ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku tal-Fontana |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku tal-Għarb |
| Is-Sur Daniel Attard | Sindku tal-Għasri |
| Is-Sur Noel Formorsa | Sindku ta' San Lawrenz |
| Is-Sur Philip Vella | Sindku ta' Sannat |
| Dr Marlene Cini | Sindku taż-Żebbuġ |

## ASSENTI:

Ħadd

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Karl Vella | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv (ADSE) |

**Minuti**
Il-President Dr Samuel Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

**113.1 Talba**

113.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu. Il-President Dr Azzopardi esprima s-sogħba tiegħu għall-aħbar li s-Sur Silvio Parnis kien ħalli din id-dinja u ta l-kondoljanzi lill-familja tiegħu. Mal-President inaqgħdu wkoll il-membri preżenti. Bħala turiha ta' rispett, il-membri osservaw minuta silenzju.

**113.2 Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti**

113.2.1 L-ADSE ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji rispettivi.

113.2.2 Il-President preżenta l-minuti tal-laqgħat 111 u 112 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

113.2.3 l-membri approvaw l-minuti hekk kif preżentati.

**113.3 Komunikazzjoni tal-President**

113.3.1 Il-President għamel referenza għal punt 111.3.8 tal-Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-21 t'Ottubru 2022. Il-President fakkar li dakinhar kien ġie maqbul li l-Kunsill Reġjonali jagħlaq il-GRDF, jew inkella, dejjem jekk tippermetti l-liġi minħabba li l-Kunsill Reġjonali huwa membru fundatur, jiġi sostitwit minn terzi u mbasta l-isem tal-fondazzjoni jinbidel. Minn dakinhar l-hawn sar jaf li żewġ Kunsilli Lokali, dak ta' Sannat u dak ta' San Lawrenz, flimkien mal-agenzija MIEMA u mal-GTA, nhar is-27 t'Ottubru ffirmaw statut ġdid tal-istess fondazzjoni.

Wara li ttieħed parir legali, l-avukat tal-Kunsill Reġjonali għamlet referenza għall-klawżola tal-istatut li tgħid li l-Kunsill Reġjonali huwa membru mandatorju tal-Fondazzjoni, u biex isiru xi emendi fl-istatut irid ikun hemm kunsens tal-membri kollha tal-Fondazzjoni. Għaldaqstant, l-avukat ikkonkludiet li il-kuntratt tas-27 t'Ottubru 2022 sar bi ksur tal-kundizzjonijiet oriġinali tat-twaqqif tal-Fondazzjoni.

Il-President spjega li hu kien informa lil rappreżentanti tal-firmatorji tal-kuntratt tas-27 t'Ottubru 2022, u nfurmawh li dan il-kuntratt kien ser jiġi rexxiżż sal-15 ta' Jannar 2023. Jekk dan ma jsirx, fuq parir tal-avukat stess, il-Kunsill Reġjonali ma jibqagħlux triq oħra ħlief li jiftaħ proċeduri l-Qorti.

Il-membru Dr Christian Zammit (Sindku tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra) ikkummenta li llum il-Kunsill Reġjonali għandu numru ta' uffiċjali esperti fil-qasam tagħhom u permess tagħhom il-jista' jidħol għal proġetti b'għajnuna esterna minima.

113.3.2 Il-President spjega li minkejja li l-vakanza għall-*Waste Officer* inħarġet diversi drabi, ma kien hemm l-ebda nteress li din il-kariga tiġi mimlija. Għaldaqstant, kif kienu mgħarfa u maqbul bejn il-membri tal-Kunsill Reġjonali, ntalbet, u ġiet milqugħa, l-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali sabiex il-Kunsill Reġjonali jkun jista' jibda l-proċess ta' mpjieg ta' tlett persuni, fuq skala 16. Tnejn minn dawn il-ħaddiema ser ikunu qegħdin jassistu lill-*Enivoronmental Officer*, li ser ikun qiegħed jassumi r-rwoli tal-*Waste Officer*, u wieħed ser ikun qiegħed jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv.

Ġie maqbul li l-membri tal-Bord tal-Għażla għall-intervisti għal dawn il-vakanzi jkunu il-President Dr Samuel Azzopardi, is-Sur David Apap Agius, u Dr Christian Zammit, bl-ADSE ikun segretarju tal-bord.

113.3.3 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti ġie maqbul li peress li s-Sur Nicky Saliba hu l-uffiċjal responsabbli mill-immaniġġjar tal-kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Domestiku, hu għandu jingħata aċċess bħala *View Only* tal-kont bankarju 40026102913, liema kont ser jintuża sabiex isiru t-

tranżazzjonijiet bankarji relatati ma' dan il-kuntratt. Għaldaqstant, l-ADSE għandu jieħu ħsieb li tali aċċess jingħata kemm jista' jkun malajr.

113.3.4 Il-President informa lill-membri li l-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ kienu nfurmawh li ġarbu ħsarat kawża tal-maltemp li laqgħat il-gżejjer Maltin fl-aħħar ta' Novembru. Hu saqsa jekk kienx hemm xi Kunsilli Lokali oħra li soffrew ħsarat. Il-membru Mario Azzopardi (Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Kerċem) informa lill-membri preżenti li kienu kkawżati danni fuq numru ta' ħitan tas-sejjieħ fil-lokalita' tiegħu. Il-President fakkar lill-membri sabiex jibagħtu emejl lill-ADSE bil-ħsarat li ġarbu.

113.3.5 Inħarġet kwotazzjoni RGĦ/05/2022 sabiex jinxtraw siġġijiet għall-uffiċċji tal-uffiċjali. Ġie ippreżentat l-*Evaluation Report*, u l-membri qablu li joqogħdu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord u tintagħżel *the cheapest technically compliant offer*.

113.3.6 Bħas-snin li għaddew, il-Kunsill Reġjonali ħa ħsieb li dawk il-persuni li jgħixu waħedhom li ma għandhomx min isajrilhom, morda, persuni vulerabbli jew bi bżonnijiet speċjali, tingħatalhom ikla fir-risendenza tagħhom f'Jum il-Milied. L-ammont ta' ikliet li ġew mqassma kien ta' 200.

113.3.7 Il-President semma li l-Kunsill Reġjonali kien qiegħed jipprepara biex jissottometti l-applikazzjoni tiegħu għall-European City of Culture 2031. Għal dan il-għan, f'Novembru 2022 kienet saret laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex fejn bdew id-diskussjonijiet sabiex jinstab l-aħjar mod kif nipproċedu. F'din il-laqgħa ġie propost li l-Kunsill Reġjonali u l-Ministeru għal Għawdex jinnominaw żewġ persuni kull wieħed sabiex jaħdmu fuq din l-applikazzjoni. Il-President ippropona lis-Sur Francesco Grech u lill-artist Austin Camilleri. Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, ġie maqbul sabiex nipproċedu kif propost.

113.3.8 Il-President informa lill-membri li f'Novembru 2022 saret it-tnedija tal-Istrateġija Kulturali 2022-2027 tar-Reġjuni. Bħalissa qeda tiġi espolorata l-possibilita' li l-Kunsill Reġjonali jissottometti l-applikazzjoni għat-titlu ta' Reġjun Ewropew tal-Gastronomija. Aktar informazzjoni rigward dan tingħata fil-laqgħa li jmiss.

113.3.9 L-*Evaluation Report* tal-offerta tax-Xiri ta' Binja tal-Kunsill Reġjonali CT4003/2022 għandu jkun lest sal-laqgħa li jmiss.

113.3.10 Il-President ippropona li l-Kunsill Reġjonali japplika għal *Debit Card* li tkun tista' tiġi użata f'każ ta' ħtieġa. Il-membri qablu.

**113.4 <u>Korrispondenza</u>**

113.4.1 Ċirkolari 10/2022 mingħand id-Diviżżjoni għall-Gvern Lokali fejn ġejna mgħarfa li l-Kunsilli Reġjonali ser ikollhom allokazzjoni finanzjara annwali ta' €583,333.

113.4.2 L-ADSE informa lill-membri preżenti li kien rċieva talba mingħand Baskal Saliba sabiex jaħdem xi siegħat b'mod remot. Il-membri qablu li jingħata massimu ta' ħmistax-il siegħa bħal ħaddiema l-oħra.

113.4.3 Ġejna nfurmati mid-Diviżżjoni li ser ikun hemm tibdil sostanzjali fuq il-websajt bl-għan ewlini li l-informazzjoni aċċessibbli mill-pubbliku tkun waħda uniformi. Għaldaqstant, ġejna mitluba nagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex il-websajt tal-Kunsill Reġjonali titneħħa u ma tibqax tintuża. Waret li saret diskussjoni, fejn kien hemm uħud mill-membri li urew id-dispjaċir tagħhom, ġie maqbul li l-ADSE jinforma lid-DLG li l-Kunsill Reġjonali jaċċetta din id-direzzjoni jekk ikollu *web address* qasir mingħajr ma l-pubbliku jkollu bżonn jidħol fuq il-websajt tad-Diviżżjoni biex jaċċessa dik tal-Kunsill Reġjonali.

113.4.4 Irċivejna rikjesta mingħand is-Surġent Grima sabiex il-laqgħat bejn il-Kunsill Reġjonali u l-Community Police jibdew isiru b'mod regolari kull 3 xhur sabiex flimkien niddiskutu u naħdmu għall-komunitajiet aħjar. Il-membri qablu, u l-ADSE għandu jinforma lis-Surġent sabiex il-laqgħa li jmiss tiġi skedata għal Marzu 2023.

113.4.5 Ġejna nfurmati mill-MDIA li l-applikazzjoni għal *Innovative Technology in Local Communities Scheme* li kien issottometta l-Kunsill Reġjonali ma kienetx waħda mit-tlett applikazzjonijiet li

ngħataw il-fondi. Għaldaqstant, hekk kif kien maqbul f'laqgħa preċedenti u reġa ġie ikkonfermat mill-membri preżenti, il-Kunsill Reġjonali għandu jara li fil-futur tinħareġ sejħa għal *mobile app* sabiex ir-rappurtaġġ ta' ħsarat isir minn fuqha.

113.4.6 Ġejna nfurmati mid-Direttur Clare Bugeja li f'Jannar u Frar 2023 ser jibda proċess ta' *Internal Audit* fil-Kunsill Reġjonali. Dan l-audit ser ikopri l-perijodu Jannar 2021 sa Ġunju 2022. F'Diċembru 2022 saret laqgħa virtwali bejn l-ADSE u l-persuni responsabbli minn dan l-audit min-naħa tad-Diviżżjoni fejn ġie spjegat x'inhu l-proċess u x'qegħdin jistennew mill-Kunsill Reġjonali. L-ADSE spjega li ġie mitlub jgħaddi numru kbir ta' dokumenti u jwieġeb mistoqsijiet li sarulu mid-DLG. Rappreżentanti tad-DLG ġejjin l-uffiċċju għal erbgħa t'ijiem sabiex ikunu jistgħu jiġbru l-informazzjoni li jista' jkollhom bżonn biex jagħmlu dan l-*audit*.

113.4.7 Ġejna nfurmati mill-MCESD li l-applikazzjonijiet għan-nominazzjonijiet għal *Gozo Regional Committee 2023-2025* huma miftuħa u jagħlqu nhar l-20 ta' Jannar 2023. Il-Kunsill Reġjonali ġie mitlub jinnomina 3 rapreżentanti. Ġie maqbul li jerġgħu jiġu nnominati Dr Samuel Azzopardi, Dr Christian Zammit, u s-Sur David Apap Agius.

113.4.8 Emejl mingħand il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ sabiex jivverifikaw jekk wara l-1 ta' Jannar 2023, il-Kunsill Lokali jistax ikompli joffri s-servizz ta' *open skips* mingħajr ma jikser il-*Long Term Waste Management Plan 2021-2030*. Wara diskussjoni, ġie maqbul li jintalab parir mid-Diviżżjoni.

**113.5 <u>Materji Oħra</u>**

113.5.1 Ġie mistieden għal-laqgħa s-Sur Francesco Grech, l-uffiċjal responsabbli mill-attivitajiet Kulturali tal-Kunsill Reġjonali.

113.5.2 Is-Sur Grech beda billi ta *update* tal-proġett IDEA. Kif kien spjegat fl-laqgħat preċedenti din l-inizjattiva saret sabiex iż-żgħażagħ Għawdxin jingħataw l-opportunita' jidentifikaw dawk li fl-opinjoni tagħhom huma l-akbar nuqqasijiet fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom, u permezz ta' dan il-Kunsilli Lokali jkollhom stampa aktar ċara ta' dak li jixtiequ ż-żgħażagħ. B'kollox inġabru 800 idea, li sussegwament ġew miġbura f'sitt kategoriji. Il-membri ġew ippreżentati bir-riżultati li ħarġu mil-lokalitajiet rispettivi tagħhom. Saret diskussjoni fuq ir-riżultati ta' dan l-istudju fejn ġie innutat li:

- Hawn nuqqas ta' postijiet fejn iż-żgħażagħ jistgħu jiltaqgħu b'mod regolari;
- Il-kostruzzjoni eċċessiva qed twassal għat-telf tal-karattru tar-raħal;
- Ma tantx hawn spazji ħodor fil-lokalitajiet;
- Hemm bżonn aktar edukazzjoni sabiex titnaqqas il-problema tal-iskart pubbliku, u l-importanza tal-*clean ups*;

Sabiex tissokta l-ħidma fuq din l-inizjattiva, ser jiġi organizzat seminar / workshop f'Marzu.

113.5.3 Is-Sur Grech spjega li f'dawn l-aħħar ġimgħat saru numru ta' laqgħat bejn diversi entitatijiet sabiex jelenkaw numru ta' proposti għal Għawdex aħjar, speċjalment fejn titratta l-ambjent. F'dawn il-laqgħat hu kien qiegħed jirrapreżenta l-Kunsill Reġjonali. Ġiet iċċirkolata *draft Joint Statement* li ġiet imfassla minn dawn l-entitajiet fejn fiha hemm tmien proposti li qablu li għandhom jingħataw prijorita'. Wara li saret diskussjoni ġie issuġġerit u maqbul li qabel jiġi ppublikat dan il-*Joint Statement*, dan għandu jiġi mgħoddi lill-Kunsilli Lokali sabiex jiġi diskuss u kull Kunsill Lokali jkun jista' jiġi lura bi proposti jew emendi tal-punti. L-ADSE għandu jibgħat kopja tiegħu lill-Kunsilli Lokali.

113.5.4 Is-Sur Grech ippropona li għall-ewwel darba f'Għawdex jittella Il-Festival Mediterranju tal-Letteratura. Dan il-festival ilu jittella f'tt għal dawn l-aħħar 17-il sena minn Inizjamed, organizzazzjoni ndipendenti li twaqqfet fl-1998 bil-għan li tmexxi proġetti kulturali u artistiċi fuq livell lokali u internazzjonali. Is-Sur Grech ippropona li jekk jingħata l-permess, il-festival jiġi skedat għas-Sibt 1 ta' April u l-Ħadd 2 ta' April 2023, fejn fost l-attivitajiet ipprogrammati hemm żjarat f'diversi rħula permezz ta' karozza tal-linja tradizzjonali li fiha u madwarha jseħħu sessjonijiet ta' kitba u qari għal udjenzi varji. Hu ippreżenta budget għal dan il-festival li jammonta għal madwar €9,500. Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie maqbul li dan il-festival jiġi organizzat.

113.5.5 **Preżentazzjoni tal-Audited Financial Statements 2021**

113.6.1 Fil-kamra ġie mistieden l-*accountant* tal-Kunsill Reġjonali fejn ta spjega tal-pożizzjoni finanzjarja li jinsab fiha l-Kunsill Reġjonali. Wara li l-mistoqsijiet tal-membri ġew imwieġba dan id-dokument ġie approvat u ffirmat mil-President u l-ADSE.

113.6.2 Ġie mqajjem il-punt li dan id-dokument suppost kellu jkun imressaq għall-approvazzjoni f'Mejju 2022. L-ADSE informa lill-membri li l-*inputting* fis-Sage għas-sena 2022 kważi lest u l-Unaudited Financial Statements 2022 ser jiġu preżentati fil-laqgħa li jmiss.

**113.7 Preżentazzjoni tal-Quarterly Financial Reports Q4 – 2022**

113.7.1 Dan ir-rapport ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss peress li l-ADSE kien għadu jrid jirċievi xi kontijiet għas-sena 2022.

**113.8 Preżentazzjoni tal-Budget 2023**

113.8.1 Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Budget għas-sena 2023.

113.8.2 L-*accountant* tal-Kunsill Reġjonali spjega li hu, wara diskussjonijiet flimkien mal-President u mal-ADSE, ħejja dan id-dokument. Hu spjega li minkejja li l-allokazzjoni finanzjara mill-Gvern Ċentrali baqgħet l-istess bħas-sena li għaddiet, l-ispejjeż għall-Kunsill Reġjonali żdiedu sostanzjalment, u għas-sena 2023, hu stmat li jkun hemm *deficit*.

113.8.3 Wara li l-mistoqsijiet tal-membri ġew imwieġba dan id-dokument ġie approvat u ffirmat mil-President u l-ADSE.

**113.9 *Performance Bonus* tal-Ħaddiema**

113.9.1 Il-President spjega li kif ġew mgħarfa l-membri aktar kmieni, id-Direttorat ser ikunu qegħdin jagħmlu *Internal Audit* fil-Kunsill Reġjonali li jkopri l-perijodu bejn Jannar 2021 u Ġunju 2022. Għaldaqstant, hu qiegħed jipproponi li l-*Performance Bonus* tas-Sur George Refalo jiġi diskuss wara li jitlesta dan l-awditjar. Il-membri qablu.

113.9.2 L-ADSE spjega li d-Deputat Reġistratur ippreżentalu talba għall-ħlas għal numru ta' siegħat *overtime* li jmorru lura għas-sena 2020. Saru numru ta' mistosqijiet f'dan ir-rigward u wara li l-ADSE irrisponda fin-negattiv meta ġie mistoqsi jekk id-Deputat Reġistratur jgħinux fil-qadi ta' dmirijietu, ġie propost u maqbul li d-Deputat Reġistratur jingħata 4% bħala *Performance Bonus*.

113.9.3 Il-President talab lill-ADSE sabiex joħroġ mill-kamra ħalli jkun jista' jiġi diskuss il-*Performance Appraisal* tiegħu. Wara li daħal lura l-ADSE ġie nfurmat li l-membri qablu li jingħata 10%. L-ADSE irringrazzja lill-membri preżenti.

**113.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

113.10.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 23/01 li kienet tammonta għal €160,477.40.

**113.11 Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss**

113.11.2 Il-Laqgħa ntemmet fit-7.30p.m. u ġiet aġġornata għas-27 ta' Jannar 2023.

Dr. Samuel Azzopardi
President

Karl Vella
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv